MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 321/2004

**Avviz numru 321/04DM**

**Media Link Communications Co. Ltd.**

**Vs**

**SKAT Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- kumpanija konvenuta, ghall-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u wiehed u tmenin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1,781.25) rappresentanti prezz ta' reklamar fuq mezzi tal-*media* tas-socjeta' attrici, ordnat mill-konvenuta u mhux imhallas skond kif jidher fuq l-istatement anness ma' l-Avviz u mmarkat Dok. A.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-kumpanija konvenuta debitament notifikata ma kkontestatx it-talba attrici u ma baghtet ebda rapprezentant sabiex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni fis-seduta tal-lum.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll d-dokument esibit, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elf, seba' mija u wiehed u tmenin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1,781.25) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mill-11 ta' Gunju, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------